Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 20 ta’ April 2001.

Avviz Nru: 1143/00

Vodafone Malta Ltd

Vs

Christopher Calleja

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u sebgha u sittin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm467.78) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta’ mobile telephone u “airtime” ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mil-14 ta’ Mejju 1998 sat-18 t’Ottubru 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali

Bil-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat u msejjah ma deherx la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba tal-atturi tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ erba’ mija u sebgha u sittin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm467.78c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b’effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg